MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## JOSEPH S. REFALO

Seduta ta' l-24 ta' April, 2006

Numru 257/2006

**Maltacom p.l.c. (C-22334)**
**vs**
**Anthony Zammit (ID-232962M)**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-20 ta' Marzu, 2006, fejn intalab il-hlas ta' tmien mija u hamsa u sebghin lira Maltija u erba' centezmi (Lm875.04), ammont dovut lis-socjeta` attrici in konnessjoni mas-servizzi telefoniku li jgib in-numru 21570740 (CN994040 a/c 10206300) skond diversi kontijiet mibghuta lilu, prospett anness mal-avviz u markat Dok.A u Dok.B u kuntratt relattiv markat Dok.C.**
**Illi l-konvenut interpellat diversi drabi sabiex jghaddi ghall-hlas baqa' inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.**

**Bl-imghax legali u bl-ispejjez.**

**Ra l-kapitolu prezentat mis-socjeta` attrici fl-10 t'April, 2006 ghas-subizzjoni tal-konvenut. Ra li l-konvenut baqa' ma pprezentax risposta u lanqas ma deher, u ghalhekk id-domandi attrici ghandhom jitqiesu bhala konfermati.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal qed jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' tmien mija u hamsa u sebghin lira Maltija u erba' centezmi (Lm875.04) bl-imghaxijiet legali dekoribbli mit-30 ta' Marzu, 2006, u bl-ispejjez kontra l-konvenut.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------